MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1269/2003/1

**Sand & Gravel Limited**

**v.**

**Andrew Scicluna
u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza
s-socjeta` White Power Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qort Civili fis-26 ta' Novembru 2003 is-socjeta` attrici

ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas, skond kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A"; illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu, pero` baqa' inadempjenti (Dok. B); illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi debitu; dan premess is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut ighid ghaliex dik il-Qorti ma kellhiex:-

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77)[1] liema somma hija dovuta bhala prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dina c-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fid-9 ta' Frar, 2004 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici ghaliex huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjeta` attrici fil-kapacita` tieghu personalment u n-negozju li ghamel mas-socjeta` attrici dejjem kien permezz tas-socjeta` White Power Company Limited;

[1] Illum €15,035.56

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma ghandomx jigu milqugha ghaliex mhux minnu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici l-ammont ii qed tippretendi. Gia giet intavolata kawza ohra citazzjoni numru 1268/O3GC kontra l-konvenut minn socjeta` ohra rapprezentata mill-istess Emanuel Aquilina ghall-ammont ta' Lm5,384.90 liema ammont ukoll qieghed jigi kkontestat mill-konvenut;

Rat id-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu gie ordnat li l-inkartament tal-kawza jintbaghat lill-Qorti kif presjeduta ghas-smigh, trattazzjoni u decizjoni tal-kawza flimkien mal-kawza Citaz. Numru 1268/03 (li qed tigi finalment deciza minn din il-Qorti llum ukoll);

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2005 li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta` White Power Company Limited;

Rat li l-imsemmija socjeta` kjamata fil-kawza, debitament notifikata, naqset li tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta` attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat id-digriet tat-8 ta' Lulju, 2005 meta t-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet indikat fir-rikors tal-konvenut ipprezentat fl-24 ta' Gunju, 2005, giet michuda.

Is-sentenza appellata.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-8 ta' Lulju, 2005 bil-mod segwenti:
"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera s-socjeta` kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, bili fit-tieni lok tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tielet lok tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut proprio u b'hekk

tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77) u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenut proprio u ghalhekk l-istess talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti dejjem ghar-rigward tal-konvenut f’ismu proprju;

“Il-konvenut ipproducja kopja ta skrittura privata, datata 29 ta’ Jannar 1997 (fol.27), li biha s-socjeta` attrici obbligat ruhha li tixtri u takkwista zewg appartamenti f’Marsascala minnghand is-socjeta` kjamata fil-kawza li da parti taghha obbligat li tbiegh u titrasferixxi l-istess appartamenti. Il-prezz mifitehem kellu jithallas b’assenjazzjoni ta’ xoghol ta’ konkos, bricks u planki. Ma jirrizultax, pero`, li l-materjal mertu ta’ dawn il-proceduri huwa l-istess materjal li hu indikat fl-imsemmija skrittura privata;

“Inoltre l-konvenut naqas li jipproduci provi ohra in sostenn ta’ dak li huwa ssottometta fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu. F’dawn ic-cirkostanzi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti u konsegwentement ghandhom jigu rigettati. Ghalhekk ukoll ma jirrizultax li l-konvenut f’dan in-negozju kien qed jagixxi ghan-nom ta’ terzi. B’hekk is-socjeta` kjamata fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;”

**L-appell tal-konvenut:**

Il-mertu ta’ dan l-appell huwa identiku ghal dak li gja gie trattat u deciz fil-kawza fl-ismijijiet “**Rainbow Concrete**

**Limited – C 6763 vs Andrew Scicluna et"** illum stess minn din il-Qorti. Qed issir ghalhekk riferenza specifika ghall-partijiet li jinsabu fl-imsemmija sentenza billi l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzzjoni japplikaw ghall-kaz in ezami. Hemm inghad hekk:
*"Mis-sentenza fuq riportata appella l-konvenut b'rikors intavolat fit-28 ta' Lulju, 2005 billi hass ruhu aggravat bid-digriet tat-8 ta' Lulju, 2005 meta t-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u d-debita awtorizzazzjoni biex iressaq provi tieghu giet michuda u konsegwentement hass ruhu wkoll aggravat bis-sentenza appellata billi ma hemmx bizzejjed prova favur it-tezi attrici biex b'hekk it-talba taghha tigi akkolta. Ghalhekk il-konvenut talab li s-sentenza appellata tigi konfermata inkwantu giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju s-socjeta` kjamata in kawza u cioe` White Power Company Limited u revokata ghal bqija u li l-atti jergaw jintbghatu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tisma' x-xhieda kollha tieghu u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.*

*"Illi l-kwistjoni kollha tirrizolvi ruhha fuq in-nuqqas ta' provi da parti tal-konvenut. Dan ighid li huwa qatt ma kellu l-opportunita` jressaq provi billi bi zvista l-avukat tieghu kien ha differiment hazin u ghalhekk, kemm hu u kemm l-avukat tieghu ma attendewx is-seduta tat-2 ta' Gunju, 2005 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza wara li xhed Emanuel Aquilina, prodott mis-socjeta` attrici u wara li l-attur iddikjara li ma kellux provi ohra u talab li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza.*

*"Jidher li fl-udjenza imsemmija tat-2 ta' Gunju, 2005 il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` attrici billi ddifferiti l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-8 ta' Lulju, 2005. L-appellant jsostni li, gia la darba tqajjem ostakolu kif inghad fir-rikors tieghu tal-24 ta' Gunju, 2005, dik il-Qorti kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex taghti l-possibbilita` lill-konvenut jipproduci l-provi tieghu. Dan ir-ragunament jista` jkollu certa piz izda din il-Qorti tirraviza cirkostanza ohra li twassal ghall-akkoljiment ta' l-appell tal-konvenut. Infatti l-udjenza tat 2 ta' Gunju, 2005 inzammet wara l-udjenza tad-19 ta' April ta' l-istess sena*

*meta gie verbalizzat hekk: "**Meta ssejhet il-kawza deheru d-difensuri tal-partijiet u nformaw lill-Qorti li saru u ser isiru laqghat ghall-verifiki ta' kontijiet u ghad baqa' il-possibilita` ta' transazzjoni**."*

Wara dan il-verbal, hekk imsejjah komunement bhala "tal-partijiet" il-Qorti ghaddiet biex tippronunzja ordni, kif kellha kull ragun taghmel, billi kien jidher li l-possibilita` ta' transazzjoni kienet tmur lura ghal certu zmien, u dan anke minn dak li kien jirrizulta fil-proceduri konnessi. Dik il-Qorti ghalhekk ordnat li l-kawza tibqa' differita ghas-seduta tat-2 ta' Gunju, 2005 "*ghall-provi tas-socjeta` attrici jekk ikun il-kaz*."

*"Jidher ghalhekk li l-konvenut ma kienx tenut li jipprezenta l-provi tieghu fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, 2005 billi din kienet specifikatament intiza ghal provi tas-socjeta` attrici. Isegwi li, irrispettivament jekk il-konvenut jew sahansitra l-avukat tieghu, attendewx din is-seduta, kien obbligu tal-Qorti li tiddiferixx l-kawza ghall-provi tal-konvenut la darba s-socjeta` attrici ddikjarat f'dak li stadju li ma kellhiex provi ohra xi tressaq. Kuntrarjament ghal dan, il-konvenut jigi pregudikat, kif fil-fatt gie pregudikat, billi ma kellux l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu kif kellu kull dritt li jaghmel".*

In vista ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza appellata hija monka billi tirrispekkja biss l-provi ta' parti wahda u cioe` dawk tas-socjeta` attrici, billi l-konvenut qatt ma nghata l-possibbilita` li jressaq provi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija qed jigi revokat id-digriet tat-8 ta' Lulju, 2005 fejn tinsab ic-cahda tat-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, kif ukoll qed tigi revokata s-sentenza moghtija fl-istess data bejn il-partijiet fuq imsemmija u din il-Qorti tordna li l-atti jergghu jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz wara li tisma' u tiehu konjizzjoni tal-provi tal-konvenut u dan stante li l-attur gia` iddikjara li ma kellux provi ohra xi jressaq.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li dawk l-ispejjez li jikkoncernaw is-

socjeta` kjamata in kawza jkunu a karigu tas-socjeta` attrici li talbet l-istess kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------